Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 3 ta' Lulju 2026**
**(OR. en)**

**11135/26**

**ECOFIN 925**
**UEM 329**
**SOC 454**
**EMPL 256**
**COMPET 869**
**ENV 845**
**EDUC 311**
**ENER 467**
**JAI 905**
**GENDER 142**
**JEUN 185**
**SAN 543**
***ECB***
***EIB***

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-politika ekonomika, soċjali, tal-impjiegi, strutturali u baġitarja tar-Rumanija |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, kif rivedut u maqbul minn diversi kumitati tal-Kunsill u ffinalizzat mill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, abbażi tal-Proposta tal-Kummissjoni COM(2026) 223 final.

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-politika ekonomika, soċjali, tal-impjiegi, strutturali u baġitarja tar-Rumanija**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 121(2) u l-Artikolu 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

---

[1] Ir-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 (ĠU L, 2024/1263, 30.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1263/oj).

[2] Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/1176/oj).

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2024/1263 jispeċifika l-objettivi tal-qafas ta' governanza ekonomika, li għandu l-għan li jippromwovi finanzi pubbliċi sodi u sostenibbli, tkabbir sostenibbli u inklużiv u reżiljenza permezz ta' riformi u investimenti, kif ukoll li jevita defiċits eċċessivi tal-gvern. Ir-Regolament jistipula li l-Kunsill u l-Kummissjoni jwettqu sorveljanza multilaterali fil-kuntest tas-Semestru Ewropew f'konformità mal-objettivi u r-rekwiżiti stipulati fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Is-Semestru Ewropew jinkludi, b'mod partikolari, il-formulazzjoni u s-sorveljanza tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.

(2) Fil-25 ta' Novembru 2025, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija tal-2026, li fih identifikat lir-Rumanija bħala wieħed mill-Istati Membri li għalih tkun meħtieġa analiżi fil-fond. Il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kapital uman fl-Unjoni Ewropea, u proposta għar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2026, li tanalizza l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro[3] fil-21 ta' April 2026 u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi, u r-Rakkomandazzjoni dwar il-kapital uman fid-9 ta' Marzu 2026.

(3) Fid-29 ta' Jannar 2025, il-Kummissjoni ppubblikat il-Boxxla għall-Kompetittività, qafas strateġiku li għandu l-għan li jagħti spinta lill-kompetittività globali tal-UE matul il-ħames snin li ġejjin. Din tidentifika t-tliet imperattivi trasformattivi tal-innovazzjoni, id-dekarbonizzazzjoni u l-kompetittività, u s-sigurtà bħala pilastri kritiċi għat-tkabbir ekonomiku sostenibbli. Minn mindu ġiet ippubblikata, il-Boxxla għall-Kompetittività informat il-ħidma tas-Semestru Ewropew, li jiżgura li l-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri jkunu konsistenti mal-objettivi strateġiċi tal-UE, u li jinħoloq approċċ unifikat għall-governanza ekonomika li jrawwem it-tkabbir sostenibbli, l-innovazzjoni u r-reżiljenza madwar l-Unjoni.

---

[3] ĠU C, C/2026/2434, 28.4.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2026/2434/oj.

(4) Fl-2026, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika jkompli jiżviluppa flimkien mal-istadju finali tal-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)[4]. Il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza (RRPs), flimkien mal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni, kienu essenzjali għat-twettiq tal-prijoritajiet ta' politika taħt is-Semestru Ewropew, peress li l-pjanijiet kienu meħtieġa biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti ta' sfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti maħruġa f'ċikli reċenti, u l-programmi ffinanzjati mill-politika ta' koeżjoni Ewropea kienu meħtieġa jqisu r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż. Hekk kif l-RRF toqrob lejn tmiem il-ħajja tagħha, jibqa' essenzjali li jiġu sostnuti u żviluppati r-riformi u l-investimenti appoġġati u implimentati taħt l-RRF, b'mod partikolari dawk li jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati l-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.

(5) Fit-3 ta' Ġunju 2026, il-Kummissjoni ppubblikat ir-rapport tal-pajjiż tal-2026 għar-Rumanija. Dan evalwa l-progress li għamlet ir-Rumanija fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2025 u ħa kont tal-implimentazzjoni tal-RRP mir-Rumanija. Abbażi ta' dik l-evalwazzjoni, ir-rapport tal-pajjiż identifika l-aktar sfidi urġenti li qed tiffaċċa r-Rumanija. Hija evalwat ukoll il-progress li għamlet ir-Rumanija fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fil-kisba tal-miri ewlenin tal-Unjoni dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali, kif ukoll il-progress biex jinkisbu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.

---

[4] Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj).

(6) Il-Kummissjoni wettqet analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 għar-Rumanija. Is-sejbiet ewlenin tal-valutazzjoni tal-persunal tal-Kummissjoni tal-vulnerabbiltajiet makroekonomiċi għar-Rumanija għall-finijiet ta' dak ir-Regolament ġew ippubblikati fl-20 ta' Mejju 2026[5]. Fit-3 ta' Ġunju 2026, il-Kummissjoni kkonkludiet li r-Rumanija għadha qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi. B'mod partikolari, il-vulnerabbiltajiet relatati mad-defiċits fiskali u tal-kont kurrenti reċentement naqsu iżda għadhom sinifikanti, filwaqt li l-kompetittività tal-kostijiet għadha sfida. Id-defiċit tal-gvern naqas fl-2025 bħala riżultat ta' sforzi sinifikanti ta' konsolidazzjoni; huwa mistenni aktar tnaqqis fid-defiċit għall-2026 u l-2027, iżda d-defiċit xorta jibqa' kbir. Ir-rabta bejn il-banek u s-sovrani għadha sinifikanti peress li l-parteċipazzjonijiet tal-banek f'bonds tal-gvern domestiku bħala sehem mill-assi totali huma l-akbar fl-UE u żdiedu fl-2025. Id-defiċit fil-kont kurrenti tjieb biss marġinalment fl-2025 u huwa mbassar li jibqa' jonqos, għalkemm għadu kbir. Il-kostijiet ta' unità lavorattiva naqsu b'mod sinifikanti fl-2025 wara tkabbir qawwi ħafna fis-snin preċedenti, iżda huma mistennija li xorta jikbru b'rata aktar mgħaġġla milli fil-biċċa l-kbira tal-UE. L-inflazzjoni sottostanti kienet l-ogħla fl-UE f'dawn l-aħħar snin – b'żidiet fir-rati tal-VAT fl-2025, u dan jispjega biss parti minnha u hija mistennija li tibqa' għolja. Il-progress fil-politika kien sinifikanti fl-2025, speċjalment fit-tnaqqis tad-defiċit tal-baġit grazzi għal iffriżar ta' sentejn tal-pagi u l-pensjonijiet tal-gvern, u żidiet fir-rati tal-VAT u taxxi oħra. B'ħarsa 'l quddiem, mingħajr ma sseħħ aktar konsolidazzjoni fiskali vigoruża, ikkomplementata minn politiki prudenti dwar l-introjtu u riformi strutturali effettivi, ir-Rumanija tibqa' esposta għal rati tal-imgħax li qed jiżdiedu u bidliet fil-fiduċja tal-investituri.

[5] Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "In-depth review for Romania Prepared under Regulation 1176/2011 on the prevention and correction of macroeconomic imbalances", SWD(2026)141 final.

(7) Fit-8 ta' Lulju 2025, il-Kunsill adotta Rakkomandazzjoni riveduta skont l-Artikolu 126 TFUE bil-ħsieb li tintemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv fir-Rumanija[6]. Il-Kunsill irrakkomanda r-rati massimi ta' tkabbir li ġejjin tan-nefqa netta: 2,8 % fl-2025, 2,6 % fl-2026, 4,6 % fl-2027, u 4,4 % fl-2028, 4,2% fl-2029 u 4,0 % fl-2030,li jikkorrispondu għar-rati ta' tkabbir kumulattiv massimi kkalkulati b'referenza għas-sena bażi tal-2024 ta' 2,8 % fl-2025, 5,5 % fl-2026, 10,4 % fl-2027, 15,2 % fl-2028, 20,1 % fl-2029 u 24,9 % fl-2030. Il-perkors tan-nefqa netta korrettiv stabbilit f'dik ir-Rakkomandazzjoni jieħu post ir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta stabbiliti mir-Rakkomandazzjoni tal-21 ta' Jannar 2025 li tapprova l-pjan fiskali-strutturali fuq terminu medju tar-Rumanija[7][8]. Abbażi tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar azzjoni effettiva tat-3 ta' Ġunju 2026[9], il-proċedura ta' defiċit eċċessiv għar-Rumanija qed tinżamm sospiża.

(8) Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u r-riperkussjonijiet tagħha jikkostitwixxu sfida eżistenzjali għall-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri jitolbu l-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir b'mod koordinat biex jappoġġaw l-isforzi tal-UE biex tikseb żieda rapida u sinifikanti fl-infiq fid-difiża u din il-proposta ntlaqgħet mill-Kunsill Ewropew tas-6 ta' Marzu 2025[10].

---

6 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill bl-għan li tintemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv fir-Rumanija, adottata fit-8 ta' Lulju 2025. Id-dokumenti kollha relatati mal-proċedura tad-defiċit eċċessiv tal-Istat Membru jinsabu hawn: https://economy-finance.ec.europa.eu/economic-governance-framework/stability-and-growth-pact/corrective-arm-excessive-deficit-procedure/excessive-deficit-procedures-overview/MemberState_en.

7 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Jannar 2025 li tapprova l-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju tar-Rumanija (ĠU C/2025/251, 10 ta' Frar 2025, Council Recommendation of 21 January 2025 endorsing the national medium-term fiscal-structural plan of Romania).

8 Il-punt 2 u l-Anness II ("Sett ta' riformi u investimenti li jirfdu l-estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament għal seba' snin") tar-Rakkomandazzjoni tal-21 ta' Jannar 2025 jibqgħu japplikaw.

9 Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment, is-Semestru Ewropew tal-2026 – Pakkett tar-Rebbiegħa, COM(2026) 200 final.

10 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, "Nakkomodaw żieda fin-nefqa fid-difiża fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir", Brussell, 19 ta' Marzu 2025, C(2025) 2000 final.

(9) Fl-4 ta' Mejju 2026, ir-Rumanija ppreżentat ir-Rapport ta' Progress Annwali tagħha tal-2026[11] dwar l-aderenza mar-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta rakkomandati, l-implimentazzjoni tas-sett ta' riformi u investimenti li jirfdu l-estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament, u l-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti li jirrispondu għall-isfidi ewlenin identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tas-Semestru Ewropew. Ir-Rapport ta' Progress Annwali jirrifletti wkoll ir-rappurtar biannwali tar-Rumanija dwar il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-pjan tagħha għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2021/241. Ir-rapport dwar l-azzjoni meħuda skont il-proċedura ta' deficit eċċessiv huwa integrat fir-Rapport ta' Progress Annwali.

(10) It-tkabbir tal-PDG reali fl-2025 kien ta' 0,7 % u l-inflazzjoni tal-HICP kienet ta' 6,8 %. It-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni jipprojetta li l-PDG reali jikber bi 0,1 % fl-2026 u 2,3 % fl-2027, u l-inflazzjoni tal-HICP ser tkun ta' 7,0 % fl-2026 u 3,7 % fl-2027.

[11] Ir-Rapporti ta' Progress Annwali 2026 huma disponibbli hawn: https://economy-finance.ec.europa.eu/economic-and-fiscal-governance/stability-and-growth-pact/preventive-arm/annual-progress-reports_en.

(11) Fuq il-bażi tad-data pprovduta mill-Eurostat[12], id-deficit tal-gvern estiż tar-Rumanija naqas minn 9,3 % tal-PDG fl-2024 għal 7,9 % fl-2025. It-tnaqqis fid-deficit fl-2025 jirrifletti prinċipalment l-impatt ta' diversi pakketti ta' konsolidazzjoni fiskali adottati bejn Diċembru 2024 u Ottubru 2025. F'Diċembru 2024, il-parlament adotta miżuri li jinkludu l-iffriżar nominali fil-pagi u l-pensjonijiet pubbliċi fl-2025, u miżuri li jiġġeneraw dħul li jammonta għal 0,3 % tal-PDG. F'Lulju 2025, il-parlament adotta miżuri addizzjonali ta' konsolidazzjoni fiskali, li jinkludu żidiet sinifikanti fid-dħul mit-taxxa (iż-żieda fir-rati tal-VAT, it-twessigħ tal-bażi tal-kontribuzzjonijiet tas-saħħa, iż-żidiet fis-sisa u rata ogħla ta' taxxa fuq id-dividendi) u estensjoni tal-iffriżar nominali tal-pagi u tal-pensjonijiet fl-2026. F'Settembru 2025, il-parlament adotta wkoll żieda fit-tassazzjoni rikorrenti fuq il-proprjetà residenzjali u t-taxxi ambjentali. Abbażi ta' miżuri ta' politika magħrufa sad-data limitu tat-tbassir, it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni jipprojetta deficit ta' 6,2 % tal-PDG fl-2026 u 5,8 % tal-PDG fl-2027. It-tnaqqis fl-2026 jirrifletti prinċipalment l-impatt ta' sena sħiħa tal-miżuri deskritti hawn fuq. It-tnaqqis fid-deficit fl-2027 jirrifletti prinċipalment it-tnaqqis ipprojettat fl-investiment pubbliku wara t-tmiem il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Is-sitwazzjoni fiskali fir-Rumanija għadha fraġli. Minħabba s-sitwazzjoni politika attwali, din il-valutazzjoni għadha mdawra b'inċertezza konsiderevoli u timplika riskji ta' implimentazzjoni għall-aġġustament fiskali li għadu meħtieġ fl-2026 u fis-snin sussegwenti.

[12] Il-Eurostat-Indikaturi tal-Euro, 22 ta' April 2026.

(12) Fuq il-bażi tal-istimi tal-Kummissjoni, il-pożizzjoni fiskali[13], li tinkludi n-nefqa ffinanzjata kemm nazzjonalment kif ukoll mill-UE, kienet restrittiva, b'2,2 % tal-PDG fl-2025. Hija pprojettata li tkun restrittiva, bi 2,5 % tal-PDG fl-2026 u b'0,7 % tal-PDG fl-2027.

(13) Abbażi tad-data pprovduta mill-Eurostat[14], id-dejn tal-gvern estiż tar-Rumanija żdied minn 54,8 % tal-PDG fi tmiem l-2024 għal 59,3 % tal-PDG fi tmiem l-2025. Iż-żieda fil-proporzjon tad-dejn fl-2026 tirrifletti prinċipalment id-defiċits primarji għoljin tal-gvern u żieda pprojettata fil-pagamenti tal-imgħax. Abbażi ta' miżuri ta' politika magħrufa fid-data limitu tat-tbassir, it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni jipprojetta li l-proporzjon tad-dejn għall-PDG jonqos għal 61,6 % sa tmiem l-2026 u li jibqa' jiżdied sa 63,4 % sa tmiem l-2027. Iż-żieda fl-2026 u l-2027 tirrifletti prinċipalment id-defiċits primarji għoljin tal-gvern matul il-perjodu.

(14) Abbażi tad-data tal-Eurostat[15], in-nefqa totali fid-difiża tal-gvern estiż fir-Rumanija ammontat għal 1,5 % tal-PDG fl-2025. Skont it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni, hija projettata li tkun 1,7 % tal-PDG fl-2026 u 1,8 % tal-PDG fl-2027[16].

---

13 Il-pożizzjoni fiskali hija definita bħala kejl tal-bidla annwali fil-pożizzjoni baġitarja sottostanti tal-gvern estiż. Għandha l-għan li tivvaluta l-impuls ekonomiku li jirriżulta mill-politiki fiskali, kemm dawk li huma ffinanzjati fil-livell nazzjonali kif ukoll dawk li huma ffinanzjati mill-baġit tal-UE. Il-pożizzjoni fiskali titkejjel bħala d-differenza bejn (i) it-tkabbir potenzjali fuq perjodu medju ta' żmien u (ii) il-bidla fin-nefqa primarja netta mill-miżuri diskrezzjonali tad-dħul u inkluża n-nefqa ffinanzjata minn appoġġ (għotjiet) mhux ripagabbli mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u minn fondi oħra tal-Unjoni.

14 Il-Eurostat-Indikaturi tal-Euro, 22 ta' April 2026.

15 Il-Eurostat, in-nefqa tal-gvern skont il-klassifikazzjoni tal-funzjonijiet tal-gvern (COFOG).

16 Id-definizzjoni tal-infiq fid-difiża tan-NATO hija differenti mid-definizzjoni tad-difiża tal-COFOG. Barra minn hekk, jista' jkun hemm differenzi minħabba ż-żmien tar-reġistrazzjoni tan-nefqa, b'mod partikolari t-tagħmir militari, peress li r-rappurtar tan-NATO ma jsegwix ir-regoli tal-kontijiet nazzjonali għaż-żmien tar-reġistrazzjoni.

(15) L-Unjoni tkompli tiffaċċa riskji ta' interruzzjonijiet fil-provvista tal-enerġija u volatilità għolja tal-prezzijiet, aggravati minn tensjonijiet ġeopolitiċi li jaffettwaw is-swieq globali taż-żejt u tal-gass. L-esperjenza mill-kriżi tal-enerġija tal-2022–2023 uriet li miżuri wiesgħa u mhux immirati jinvolvu kostijiet fiskali kbar u huma soċjalment u ekonomikament ineffiċjenti. Minn mindu faqqgħet il-gwerra fil-Lvant Nofsani fi Frar 2026, ir-Rumanija adottat miżuri ġodda ta' politika fiskali biex ittaffi l-impatt tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija fuq l-unitajiet domestiċi u d-ditti[17]. Dawn jinkludu tnaqqis mhux immirat fid-dazji tas-sisa fuq il-prodotti tad-diżil sal-aħħar ta' Ġunju 2026 u għajnuna mill-Istat immirata lejn il-bdiewa u xi korporazzjonijiet, ibbaġitjati sa Settembru 2026. Skont it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni, il-kost fiskali ta' dawn il-miżuri huwa pprojettat li jammonta għal inqas minn 0,1 % tal-PDG fl-2026. Skont l-istimi tal-Kummissjoni, jekk dawn il-miżuri kellhom jibqgħu fis-seħħ sa tmiem l-2026, il-kost fiskali tagħhom jammonta għal 0,1 % tal-PDG fl-2026.

(16) Abbażi tal-kalkoli tal-Kummissjoni, in-nefqa netta fir-Rumanija kibret b'0,5 % fl-2025. It-tkabbir fin-nefqa netta fl-2025 huwa taħt ir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata.

(17) Abbażi tal-kalkoli tal-Kummissjoni, in-nefqa netta fir-Rumanija hija pprojettata li tikber b'1,8 % fl-2026, u b'2,3 % b'mod kumulattiv fuq l-2025 u l-2026. It-tkabbir projettat fin-nefqa netta fl-2026 huwa taħt ir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata. Meta jitqiesu l-2025 u l-2026 flimkien, ir-rata ta' tkabbir kumulattiv projettata tan-nefqa netta hija wkoll taħt ir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata.

[17] Dan jirrifletti s-sitwazzjoni fid-data limitu tat-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni (4 ta' Mejju 2026).

(18) Ir-Rakkomandazzjoni li tapprova l-pjan ta' terminu medju tar-Rumanija tispeċifika s-sett ta' riformi u investimenti li jirfdu l-estensjoni tal-perjodu ta' aġġustament, flimkien ma' skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tagħhom. Filwaqt li tqis l-informazzjoni pprovduta mir-Rumanija fir-Rapport ta' Progress Annwali tagħha, il-Kummissjoni tqis li l-implimentazzjoni tal-passi ewlenin ta' dawn ir-riformi u l-investimenti li kienu dovuti sat-30 ta' April 2026 jidhru li b'mod ġenerali qegħdin fit-triq it-tajba. Il-ħidma preparatorja fuq ir-riforma tas-sistema ta' remunerazzjoni tas-settur pubbliku għadha għaddejja fuq livell tekniku, u hija mistennija li tiġi adottata Liġi ġdida matul is-sajf tal-2026. Jeħtieġ li jittieħdu xi miżuri ulterjuri fil-qasam tal-amministrazzjoni tat-taxxa, b'mod partikolari bil-ħsieb li titnaqqas id-diskrepanza għolja ħafna fil-konformità tal-VAT tar-Rumanija. Għaddejja wkoll aktar ħidma fuq ir-riforma tat-tassazzjoni fuq il-proprjetà, inkluż l-iżvilupp tas-sistema tal-IT għall-valutazzjoni awtomatizzata tal-proprjetà, l-operazzjonalizzazzjoni tal-istruttura speċjalizzata għall-monitoraġġ tas-sistemi tan-nefqa pubblika u r-riforma tal-finanzjament tan-negozju. Il-Kummissjoni tqis li, b'mod ġenerali, ir-Rumanija kkonformat mal-impenji tagħha b'mod sodisfaċenti[18].

(19) It-tisħiħ tal-proċeduri baġitarji li jwassal għal kontroll aħjar tal-investiment pubbliku jkun ta' benefiċċju kbir għall-kontroll tad-defiċit fiskali fir-Rumanija. F'dawn l-aħħar snin kien hemm it-tendenza ta' nfiq żejjed meta mqabbel mal-pjanijiet baġitarji minħabba nuqqas ta' koordinazzjoni bejn il-ministeri kompetenti inkarigati mill-investimenti u l-Ministeru għall-Finanzi. Dokument ta' ppjanar tal-investiment, li jirrifletti l-impenji kollha ta' investiment fuq terminu medju, inklużi r-rekwiżiti kapitali fiċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, iġib ċarezza dwar ir-rekwiżiti ta' finanzjament u d-disponibbiltà tagħhom lil hinn mis-sena baġitarja annwali. Barra minn hekk, il-mekkaniżmi biex tiġi appoġġata d-disponibbiltà tal-finanzjament lil hinn mis-sena baġitarja annwali u r-restrizzjonijiet fid-devjazzjoni tal-fondi għal skopijiet oħra huma neqsin. Din is-sitwazzjoni ġenerali tikkontribwixxi għal defiċits fiskali annwali ogħla milli mistenni. Il-ġbir tat-taxxa għandu jiżdied ukoll, b'mod partikolari billi jingħalqu l-lakuni tal-VAT u tat-Taxxa Korporattiva fuq l-Introjtu (CIT), li bħalissa huma ta' 30 % u 44 %, rispettivament, l-ogħla valuri fl-UE. Fuq terminu medju u f'konformità mas-sostenibbiltà fiskali, ikun xieraq li jiġi kkunsidrat tnaqqis fil-porzjon ta' taxxa fuq ix-xogħol għal ħaddiema b'paga baxxa, li bħalissa jiffaċċaw piż apparagun għoli.

[18] Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment, is-Semestru Ewropew tal-2026 – Pakkett tar-Rebbiegħa, COM(2026) 200 final.

(20) Ir-riformi ġenerali u speċjali tal-pensjonijiet implimentati huma essenzjali biex jissalvagwardjaw il-finanzi pubbliċi u jiżguraw l-ekwità tas-sistema tal-pensjonijiet tar-Rumanija. Huma meħtieġa aktar sforzi għas-sostenibbiltà fiskali, inkluż dwar it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' riforma tal-pagi fis-settur pubbliku.

(21) L-involviment sistematiku, sinifikattiv u f'waqtu tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-sħab soċjali, is-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jibqa' essenzjali sabiex tiġi żgurata sjieda wiesgħa għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-istrumenti ta' finanzjament tal-Unjoni, kif ukoll fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

(22) Fir-Rumanija, l-implimentazzjoni tal-programmi ta' politika ta' koeżjoni, li jinkludu appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF), il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK), hija ogħla mill-pass medju fil-livell tal-UE, kemm f'termini tal-għażla tal-proġetti kif ukoll tal-pagamenti. Huwa importanti li jinżamm il-momentum attwali, filwaqt li jiġi massimizzat l-impatt tagħhom fil-prattika. Ir-Rumanija diġà qed tieħu azzjoni taħt il-programmi tal-politika ta' koeżjoni tagħha biex tagħti spinta lill-kompetittività u t-tkabbir. Madankollu, xi oqsma jistgħu jeħtieġu aktar tisħiħ fl-implimentazzjoni, inkluż fil-mitigazzjoni tal-impatti soċjali u ekonomiċi tad-dekarbonizzazzjoni u t-tranżizzjoni ġusta tal-ekonomija, b'attenzjoni partikolari għat-territorji l-aktar affettwati minn din it-tranżizzjoni. Jeħtieġ li r-Rumanija tħaffef l-implimentazzjoni tal-JTF peress li r-riżorsi waslu għall-iżborż sa tmiem l-2026. Huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-investimenti l-ġodda identifikati mir-Rumanija fir-rieżami ta' nofs it-terminu tagħha tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni, b'mod partikolari dawk marbuta mal-ħames prijoritajiet identifikati fir-Regolament dwar ir-Rieżami ta' Nofs it-Terminu[19], jintużaw malajr u b'mod effettiv.

[19] Ir-Regolament (UE) 2025/1914 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2025 li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1058 u (UE) 2021/1056 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi sabiex jiġu indirizzati sfidi strateġiċi fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu.

(23) Ir-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant tar-Rumanija qed jiffaċċaw sfidi addizzjonali li jxekklu l-prospetti tagħhom għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali peress li l-isfidi strutturali eżistenti huma aggravati. L-impatt mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna jżid il-pressjonijiet tas-sigurtà, ifixkel l-attivitajiet ekonomiċi transfruntieri u jnaqqas l-attraenza tal-investiment.

(24) Ir-Rumanija qed tiffaċċa diversi sfidi relatati mal-kwalità u l-effettività tal-amministrazzjoni pubblika tagħha, it-tħejjija u l-prijoritizzazzjoni ta' proġetti kbar, id-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija u l-produzzjoni tal-enerġija, il-protezzjoni soċjali u l-aċċess għal servizzi essenzjali, il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u n-nuqqas ta' ħiliet, il-faqar u l-esklużjoni soċjali.

(25) Amministrazzjoni pubblika u istituzzjonijiet dgħajfin ikomplu jkunu ta' piż fuq l-ambjent tan-negozju. Għalkemm hemm fis-seħħ qafas formali għall-iżvilupp ta' leġiżlazzjoni ta' kwalità, l-implimentazzjoni tiegħu hija nieqsa mill-konsistenza. Għad hemm nuqqasijiet għall-konsultazzjonijiet pubbliċi u l-valutazzjonijiet tal-impatt, li spiss jibqgħu formalistiċi. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u n-negozji għadhom mħassbin dwar il-konsultazzjonijiet pubbliċi bi skadenzi stretti ħafna u li ftit li xejn jitqiesu l-kummenti tagħhom. Il-konsultazzjonijiet pubbliċi jibbenefikaw minn involviment aktar bikri tal-partijiet ikkonċernati fiċ-ċiklu ta' politika, filwaqt li l-kwalità tal-leġiżlazzjoni tista' tittejjeb billi tissaħħaħ il-kapaċità tal-impjegati taċ-ċivil li jabbozzaw valutazzjonijiet tal-impatt regolatorji u evalwazzjonijiet ex post. Il-prevedibbiltà tat-teħid tad-deċiżjonijiet u ċ-ċertezza legali jibqgħu sfida kbira minħabba l-użu frekwenti ta' ordinanzi ta' emerġenza tal-gvern fil-proċess leġiżlattiv. Barra minn hekk, ir-Rumanija hija fost dawk bi prestazzjoni aktar dgħajfa f'termini ta' piż regolatorju u 66 % tal-kumpaniji jqisu r-regolamentazzjoni tan-negozju bħala ostaklu għall-investiment fit-tul. Minkejja t-titjib, id-disponibbiltà tas-servizzi pubbliċi diġitali għan-negozji u għall-individwi hija ferm taħt il-medji tal-UE (55 % vs l-UE: 86 %; 63 % vs l-UE: 82 %). Huma meħtieġa aktar sforzi biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà fil-livelli kollha tal-gvern, jiġu stabbiliti standards tas-servizzi aktar ċari u jittejbu t-trasparenza u l-esperjenza tal-utenti għas-servizzi pubbliċi diġitali. Ir-Rumanija tista' tibbenefika minn implimentazzjoni aktar b'saħħitha tal-qafas ta' governanza korporattiva għall-intrapriżi tal-Istat, inkluż dwar it-trasparenza u l-kompetizzjoni adegwati fil-ħatriet fil-bordijiet, il-mandati konsistenti, u l-użu ta' remunerazzjoni bbażata fuq il-prestazzjoni.

(26) Minkejja l-isforzi li saru fl-2025, dewmien rikorrenti fl-implimentazzjoni tal-programmi tal-UE, inkluż l-RRF, jindika dgħufijiet persistenti fil-kapaċità tal-amministrazzjoni pubblika li tippjana, torganizza u timplimenta proġetti kumplessi. Il-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku hija limitata, in-nuqqasijiet fl-ippjanar u fit-tħejjija tal-offerti huma persistenti u l-akkwist pubbliku għadu qasam ta' riskju għoli għall-korruzzjoni u l-frodi. L-implimentazzjoni tal-politiki dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-investimenti fl-infrastruttura ambjentali, b'mod partikolari fil-ġestjoni u r-reżiljenza tal-ilma, il-ġestjoni tal-iskart u l-ekonomija ċirkolari, is-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, huma mxekkla minn nuqqas ta' għarfien espert u riżorsi, fil-livelli kollha ta' governanza territorjali, kif ukoll dgħufijiet sistemiċi fil-governanza u l-proċeduri amministrattivi, l-ippjanar strateġiku, l-infurzar u l-ġbir tad-data. Fl-istess ħin, il-pressjonijiet fuq l-ekosistemi u l-bijodiversità jippersistu, inklużi l-ekosistemi tal-baħar. Għad hemm lakuni kbar fl-infrastruttura ferrovjarja u tat-toroq (inkluża r-reżiljenza tagħhom għall-klima), fil-modernizzazzjoni tal-vetturi ferrovjarji, fil-konnettività f'żoni remoti u fil-konnettività transfruntiera b'implimentazzjoni mhux uniformi tat-TEN-T, filwaqt li t-tiġdid tal-flotta tal-vetturi għadu kajman u l-eżiti tas-sikurezza fit-toroq għadhom fost l-aktar dgħajfa fl-UE. L-indirizzar ta' dawn il-ħtiġijiet ta' investiment jappoġġa t-tkabbir ekonomiku kif ukoll il-konverġenza territorjali, peress li għad hemm disparitajiet sinifikanti bejn ir-reġjuni iżda wkoll fi ħdan ir-reġjuni, inkluż dak kapitali. Filwaqt li ttieħdu xi miżuri biex jitrawmu l-investimenti privati, iż-żieda fl-aċċess tad-ditti għall-finanzjament bankarju u mhux bankarju, speċjalment għall-SMEs, jista' jiġi ffaċilitat, peress li l-parteċipazzjoni mill-investituri bl-imnut u istituzzjonali fis-swieq kapitali għadha baxxa u l-litteriżmu finanzjarju huwa dgħajjef. Kemm in-nefqa pubblika kif ukoll dik tan-negozju fir-riċerka u l-innovazzjoni huma fost l-aktar baxxi fl-UE, filwaqt li l-karrieri tar-riċerkaturi u l-kooperazzjoni bejn in-negozji u d-dinja akkademika (u t-trasferimenti tat-teknoloġija li jirriżultaw) jeħtieġ li jissaħħu. Biex tindirizza dawn l-isfidi kumplessi, ir-Rumanija tibbenefika mit-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva fil-livelli kollha tal-gvern.

(27) Filwaqt li r-Rumanija għamlet xi progress fid-dekarbonizzazzjoni tat-taħlita enerġetika tagħha, b'mod partikolari bid-dekummissjonar tal-kapaċità li taħdem bil-faħam u bil-linjite skont l-RRP, huma meħtieġa sforzi addizzjonali biex tiġi sostnuta t-tranżizzjoni tal-enerġija. Is-sistema tal-enerġija tal-pajjiż għadha tiddependi ferm fuq il-fjuwils fossili, li spiss jistabbilixxu l-prezz għoli tal-elettriku fis-suq. L-eliminazzjoni gradwali tal-faħam u l-limitazzjoni tal-użu tal-gass naturali, billi jiġu sostitwiti b'alternattivi aktar nodfa, jipproteġu aħjar l-ekonomija tar-Rumanija minn xokkijiet futuri fil-prezzijiet tal-fjuwils fossili, iżidu s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija, u fl-aħħar mill-aħħar ikunu ta' benefiċċju għall-kompetittività permezz ta' prezzijiet tal-enerġija aktar baxxi.

(28) F'dawn l-aħħar snin sar xi progress biex tiżdied il-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u l-RRP fih miżuri mmirati lejn ir-riforma tal-qafas regolatorju biex jiffavorixxi l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Madankollu, l-isfidi identifikati fl-2025 għadhom hemm. Ir-Rumanija qed tiffaċċa diversi ostakli għat-tnedija ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, b'mod partikolari ambjent regolatorju imprevedibbli, inċertezza fil-prezzijiet, ħruġ ta' permessi kkumplikat u regoli mhux ċari dwar l-użu tal-art. Huma meħtieġa investimenti addizzjonali biex tittejjeb il-flessibbiltà tas-sistema, b'enfasi speċjali fuq l-infrastruttura tal-grilja, u fuq ir-riformi regolatorji biex jiġu ssimplifikati u jitħaffu l-proċeduri għall-ħruġ ta' permessi, biex jiġi ffaċilitat l-użu tal-enerġija rinnovabbli addizzjonali. Ir-Rumanija tinsab fit-triq it-tajba biex tilħaq il-mira tal-interkonnessjoni transfruntiera ta' 15 % għall-2030, iżda l-kapaċità tagħha għadha insuffiċjenti u l-progress miexi bil-mod. Hemm lok għal aktar koordinazzjoni mal-pajjiżi ġirien (il-Bulgarija, l-Ungerija, il-Moldova, l-Ukrajna) biex tkompli tissaħħaħ l-integrazzjoni tas-suq fir-reġjun.

(29) Ir-Rumanija għadha tissussidja l-fjuwils fossili, filwaqt li s-settur tat-tisħin, li jiddependi ħafna fuq il-gass, għadu fil-biċċa l-kbira mhux riformat. Madankollu, in-nuqqas attwali ta' trajettorja ċara ta' tneħħija gradwali ta' dawn is-sussidji qabel l-2030 jiddiżinċentiva l-elettrifikazzjoni u jxekkel id-dekarbonizzazzjoni tat-taħlita tal-enerġija. Huwa partikolarment importanti li jitneħħew gradwalment is-sussidji għall-fjuwils fossili li ma jindirizzawx il-faqar enerġetiku b'mod immirat, u/jew li ma jirrispondux għal tħassib ġenwin dwar is-sigurtà tal-enerġija. Minħabba proporzjon mhux favorevoli tal-prezz tal-elettriku apparagun tal-gass (li għalih jikkontribwixxu parzjalment is-sussidji għall-fjuwils fossili), is-sehem tal-elettriku fil-konsum tal-enerġija baqa' fil-biċċa l-kbira staġnat f'dawn l-aħħar għaxar snin. Il-prezzijiet għoljin tal-enerġija jaffettwaw l-industriji intensivi fl-enerġija u l-kompetittività. Is-settur industrijali huwa ddominat minn proċessi bi flessibbiltà limitata (eż. l-azzar/l-aluminju, is-siment, il-ħġieġ), li jillimitaw ir-rispons min-naħa tad-domanda. Barra minn hekk, il-programmi tal-RRP u tal-politika ta' koeżjoni tar-Rumanija fihom diversi investimenti kbar fl-effiċjenza enerġetika fl-akkomodazzjoni u fil-bini pubbliku, iżda l-progress kien bil-mod u għad hemm kwistjonijiet ta' kwalità tal-akkomodazzjoni. Huma meħtieġa aktar sforzi ta' politika biex jitħaffef l-użu ta' kapaċità ġdida ta' ġenerazzjoni rinnovabbli, titnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili biex tkun tista' ssir id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija peżanti, u jitnaqqas il-konsum tal-enerġija, b'mod partikolari fis-settur tat-trasport u fl-istokk tal-bini.

(30) Fid-dawl tar-rwol kruċjali tal-kapital uman fit-tisħiħ tal-kompetittività u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni, fl-2026 il-Kunsill irrakkomanda li l-Istati Membri jieħdu azzjoni biex jindirizzaw b'mod urġenti l-isfidi strutturali relatati mal-kapital uman fil-qasam tal-ħiliet, l-edukazzjoni u t-taħriġ, li jfixklu l-kompetittività. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2026 indirizzati lir-Rumanija jistgħu jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kapital uman fl-Unjoni.

(31) Il-parteċipazzjoni tan-nisa fil-forza tax-xogħol hija fost l-aktar baxxi fl-UE (57,8 % vs l-UE: 71,1 %). Iż-żgħażagħ isibuha diffiċli biex isibu impjieg formali, peress li l-qgħad fost iż-żgħażagħ kien fost l-ogħla fl-UE, u r-rata ta' żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs) hija ogħla b'mod sinifikanti mill-medja tal-UE (19,2 % vs l-UE: 11,0 %). Barra minn hekk, l-impjiegi għadhom limitati għall-persuni b'diżabilità peress li d-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabilità hija ferm ogħla mill-medja tal-UE u l-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol fi tmiem il-karrieri tagħhom hija waħda mill-aktar baxxi fl-UE. Iż-żieda fil-parteċipazzjoni tan-nisa, taż-żgħażagħ u tal-persuni b'diżabilità fis-suq tax-xogħol tista' ttaffi l-effetti demografiċi negattivi billi żżid il-forza tax-xogħol disponibbli u tappoġġa l-iżvilupp ekonomiku. L-indirizzar tal-isfidi relatati mal-effettività tal-miżuri ta' attivazzjoni, ir-reġistrazzjoni limitata ta' tfal taħt it-tliet snin fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal (11,4 % vs l-UE: 39,2 %), b'mod partikolari fiż-żoni rurali, u l-aċċessibbiltà u l-adattament tal-postijiet tax-xogħol għall-persuni b'diżabilità biex tiġi appoġġata l-inklużjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol ikunu importanti. Barra minn hekk, ir-Rumanija għandha waħda mill-ogħla rati ta' faqar fost dawk li jaħdmu (10,7 % tal-persuni impjegati vs 8,3 % fl-UE fl-2025) - xprunata l-aktar minn persuni li jaħdmu għal rashom - minkejja li naqset b'mod kostanti mill-2016 'l hawn, meta kienet 18,6 %. Fl-istess ħin, il-paga reali medja kienet qed tikber b'mod sostanzjali waqt l-istess perjodu. Ir-Rumanija tista' tikkunsidra li ttejjeb l-immirar, il-finanzjament u l-effikaċja tal-miżuri ta' attivazzjoni tas-suq tax-xogħol u li ċċaqlaq l-enfasi minn fuq is-sussidji għall-impjiegi għal fuq it-taħriġ, is-sensibilizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi.

(32) Ir-Rumanija introduċiet riformi kbar fl-edukazzjoni u l-ħiliet biex tappoġġa l-iżvilupp tal-ħiliet. Minkejja dawn l-isforzi, għad hemm sfidi fit-tnaqqis tat-tluq bikri mill-iskola, fit-tisħiħ tal-ħiliet bażiċi u tal-ħiliet diġitali bażiċi, fiż-żieda tal-effettività tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, u fl-allinjament tal-eżiti edukattivi mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. Is-sehem ta' adulti żgħażagħ li telqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ għadu għoli b'mod sinifikanti apparagun ta' tnaqqis kostanti fil-livell tal-UE, u saħansitra ogħla fiż-żoni rurali (23,7 % vs 4,6 % fil-bliet), fl-irħula u fis-subborgi, u fost ir-Rom u l-persuni b'diżabilità. Ħiliet bażiċi baxxi fost iż-żgħażagħ Rumeni jfixklu l-kompetittività u l-iżvilupp tal-kapital uman, peress li aktar minn 40 % ta' dawk li għandhom 15-il sena ma jilħqux il-profiċjenza minima fil-matematika, il-qari u x-xjenza (vs il-medja tal-UE taħt it-30 %), u dan jikxef problemi sistemiċi fil-kwalità tat-tagħlim, bl-istudenti rurali jkollhom punteġġ sostanzjalment aktar baxx mill-istudenti urbani. Barra minn hekk, fiż-żoni rurali, 66,5 % biss tal-adulti lestew l-edukazzjoni primarja (vs 94,7 % fil-bliet) u 6,6 % kisbu edukazzjoni terzjarja (vs 37,3 % fil-bliet). Barra minn hekk, il-parteċipazzjoni baxxa tal-adulti fit-tagħlim qed tillimita l-iżvilupp tal-ħiliet u l-progressjoni tal-karriera. L-indirizzar ta' dawn l-isfidi jikkontribwixxi wkoll għat-titjib tal-kwalità tal-impjiegi. Id-defiċit kbir ta' ħiliet diġitali bażiċi joħloq riskji għall-iżvilupp ekonomiku u l-inklużjoni soċjali. Reċentement mad-9,1 % biss tal-parteċipanti fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) kellhom tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol waqt it-taħriġ tagħhom (vs il-medja tal-UE: 66,0 %). Barra minn hekk, in-nuqqas ta' allinjament bejn il-ħiliet tal-forza tax-xogħol u l-ħtiġijiet tal-impjegaturi, inkluż in-nuqqas persistenti ta' gradwati fix-xjenza, fit-teknoloġija, fl-inġinerija u fil-matematika, iwassal għal nuqqas ta' ħiliet, b'mod partikolari f'setturi rilevanti għat-tranżizzjoni ekoloġika, u jirrappreżenta r-restrizzjoni prinċipali għan-negozji. Biex tindirizza dawn l-isfidi, ir-Rumanija tibbenefika mill-għeluq tal-lakuni strutturali fl-edukazzjoni u mis-salvagwardja tat-tagħlim tul il-ħajja kif ukoll mill-aħjar użu tad-data disponibbli dwar il-ħtiġijiet u l-iżvilupp tal-ħiliet.

(33) Il-kundizzjonijiet soċjali qed ikomplu jitjiebu, iżda r-Rumanija għad għandha wieħed mill-ogħla riskji ta' faqar jew esklużjoni soċjali fl-UE, bil-faqar fost it-tfal u l-esklużjoni soċjali partikolarment għoljin (32,4 % vs l-UE: 24,3 % fl-2025). Il-gruppi vulnerabbli, bħar-Rom, il-persuni b'diżabbiltà, il-popolazzjonijiet b'livell baxx ta' edukazzjoni, u l-persuni li jgħixu f'żoni rurali jiffaċċaw riskji għoljin. L-impatt tat-trasferimenti soċjali (esklużi l-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar kien limitat (21,7 % vs l-UE: 33,3 % fl-2025), u n-nefqa fuq il-protezzjoni soċjali għadha wkoll fost l-aktar baxxi fl-UE. Is-servizzi soċjali, tas-saħħa u edukattivi għadhom mhumiex disponibbli b'mod uniformi, u ż-żoni rurali u l-komunitajiet emarġinati bħar-Rom għandhom diffikultajiet biex jaċċessawhom. Mingħajr koordinazzjoni aħjar bejn il-livelli ċentrali u lokali, inkluż dwar il-ġbir u l-iskambju tad-data, l-evidenza biex jiġu vvalutati l-ħtiġijiet tal-akkomodazzjoni soċjali u l-adegwatezza tal-istokk tal-akkomodazzjoni soċjali għadha limitata. Il-mortalità evitabbli u li tista' tiġi ttrattata baqgħet għolja ħafna, filwaqt li kura primarja dgħajfa, anke minħabba nuqqas ta' persunal, tkompli tixpruna l-użu tal-isptar li jista' jiġi evitat, li mhuwiex kosteffettiv, kif ukoll tillimita l-opportunitajiet għal intervent bikri. Id-disponibbiltà tal-kura fit-tul u tas-servizzi soċjali għadha insuffiċjenti, b'mod partikolari għall-kura fid-djar u għas-servizzi mhux residenzjali bbażati fil-komunità għal għajxien indipendenti għall-persuni b'diżabilità, u dan idewwem il-proċess ta' deistituzzjonalizzazzjoni. L-indirizzar ta' dawn l-isfidi jikkontribwixxi wkoll għall-appoġġ tal-konverġenza soċjali 'l fuq, f'konformità mal-analiżi tal-pajjiżi tat-tieni stadju tas-servizzi tal-Kummissjoni taħt il-Qafas ta' Konverġenza Soċjali[20]. Ir-Rumanija tibbenefika minn titjib fil-kopertura u l-adegwatezza tas-sistema tal-protezzjoni soċjali, anke għal dawk li jaħdmu għal rashom, inklużi l-bdiewa, koordinazzjoni aktar b'saħħitha fil-livelli kollha tal-gvern u investimenti addizzjonali f'servizzi aċċessibbli biex jitnaqqas il-faqar u titrawwem l-inklużjoni soċjali. Il-miżuri leġiżlattivi reċenti saħħew il-mekkaniżmi ta' protezzjoni tal-introjtu għall-impjegati affettwati mill-insolvenza tal-impjegatur.

(34) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u l-konklużjonijiet dwar l-eżistenza ta' żbilanċi eċċessivi, ir-rakkomandazzjonijiet skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet (1), (2) u (3). Il-politiki msemmija fir-rakkomandazzjoni (1) jgħinu biex jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet marbutin mad-defiċits fiskali u esterni kbar. Il-politiki msemmija fir-rakkomandazzjonijiet (2 u 3) jgħinu biex jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet marbuta mal-kompetittività.

---

20 SWD(2026)122 – Second-stage country analysis on social convergence in line with the Social Convergence Framework (SCF), 2026.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li r-Rumanija tieħu azzjoni fl-2026 u l-2027 biex:

1. Tkompli taderixxi mar-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta rrakkomandati mill-Kunsill fit-8 ta' Lulju 2025, bil-għan li ttemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv. Issaħħaħ l-infiq u l-prontezza ġenerali fid-difiża u s-sigurtà, filwaqt li tiżgura s-sostenibbiltà tad-dejn u l-effiċjenza fl-infiq, kif ukoll l-adattament gradwali tal-baġit biex issostni nfiq strutturalment ogħla fid-difiża. Tiżgura li l-miżuri li jittieħdu biex jittaffa l-impatt taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija jkunu temporanji, immirati lejn il-protezzjoni tal-unitajiet domestiċi vulnerabbli jew lejn l-indirizzar tal-ħtiġijiet tad-ditti intensivi fl-enerġija, jippreservaw l-inċentivi għall-iffrankar tal-enerġija u jiżguraw li l-kost fiskali tagħhom ikun kompatibbli mal-impenji skont il-qafas fiskali tal-UE. Tkompli timplimenta s-sett ta' riformi u investimenti li jirfdu l-perjodu ta' aġġustament estiż kif irrakkomandat mill-Kunsill fil-21 ta' Jannar 2025. Tieħu aktar azzjonijiet deċiżivi biex tissalvagwardja s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi, inkluż billi timplimenta bis-sħiħ ir-riformi tal-pensjonijiet ġenerali u speċjali, tfassal u timplimenta r-riforma tal-pagi tas-settur pubbliku li twassal għal konsolidazzjoni fiskali u ġustizzja akbar, u ssaħħaħ il-proċeduri baġitarji biex tiżgura kontroll aħjar fuq l-investimenti pubbliċi. Iżżid il-ġbir ġenerali tat-taxxi bħala sehem mill-PDG, billi tiffoka biex tagħlaq id-diskrepanzi tal-VAT u tas-CIT.

2. Tiżgura l-kontinwità tar-riformi u l-investimenti implimentati fil-qafas tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Issostni l-momentum tal-implimentazzjoni fil-qafas tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni filwaqt li tibni, fejn xieraq, fuq ir-riallokazzjoni għal prijoritajiet strateġiċi u flessibbiltajiet maqbula fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu tal-qafas tal-politika ta' koeżjoni. Tindirizza l-isfidi soċjoekonomiċi, tas-sigurtà u tal-preparatezza ċivili uniċi li jaffettwaw lir-reġjuni fil-fruntiera esterna tal-Lvant tal-UE, inkluż il-ħtieġa li jsir investiment f'infrastruttura b'użu doppju.

3. Trawwem il-kompetittività u tnaqqas id-disparitajiet territorjali billi tippromwovi l-investiment privat, inkluż fir-riċerka u l-innovazzjoni, u tiżgura investiment pubbliku affidabbli fit-tul fir-R&Ż. Ittejjeb il-kwalità u l-effettività tal-amministrazzjoni pubblika fil-livelli kollha tal-gvern u bejniethom, id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi u l-prevedibbiltà u l-kwalità tat-teħid tad-deċiżjonijiet, b'mod partikolari permezz ta' konsultazzjonijiet xierqa mal-partijiet ikkonċernati, valutazzjonijiet tal-impatt effettivi u proċeduri amministrattivi simplifikati. Issaħħaħ l-implimentazzjoni tal-qafas ta' governanza korporattiva għall-intrapriżi tal-Istat, filwaqt li tippromwovi l-effiċjenza ekonomika u r-razzjonalizzazzjoni tas-settur. Tiżgura li l-investimenti pubbliċi maturi jitwettqu fil-ħin, inkluż permezz ta' proċeduri effettivi ta' akkwist pubbliku. Tiffaċilita l-investimenti fl-infrastruttura ambjentali u fit-trasport sostenibbli u sikur, inkluż biex tiżdied il-konnettività ta' żoni remoti u rurali kif ukoll ir-reżiljenza għall-klima.

4. Tkompli tiddekarbonizza s-settur tal-enerġija billi tagħti spinta lill-flessibbiltà u lill-kapaċità tal-grilja tas-sistema tal-elettriku, tħaffef l-introduzzjoni ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli, kif ukoll iżżid l-interkonnessjonijiet transfruntieri u l-kummerċ tal-elettriku. Iżżid is-sehem tal-enerġija rinnovabbli u taġġorna l-ġenerazzjoni tat-tisħin distrettwali u l-infrastruttura relatata biex tissodisfa standards ta' effiċjenza għolja, flimkien ma' rinnovazzjonijiet għall-effiċjenza enerġetika fil-bini u l-eliminazzjoni gradwali tas-sussidji għall-fjuwils fossili fis-settur tat-tisħin.

5. Issaħħaħ il-parteċipazzjoni tal-gruppi sottorappreżentati fis-suq tax-xogħol permezz tat-titjib tal-effettività tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol, l-aċċessibbiltà tal-postijiet tax-xogħol u l-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal. Tindirizza n-nuqqas ta' ħiliet billi tnaqqas t-tluq bikri mill-iskola, tagħti spinta lill-ħiliet bażiċi u l-ħiliet rilevanti għas-suq tax-xogħol, inkluż permezz tat-tagħlim kontinwu għall-adulti, ittejjeb l-effettività tal-VET, kif ukoll tagħmel l-aħjar użu mill-informazzjoni dwar il-ħiliet fil-politiki tal-edukazzjoni u tal-ħiliet, b'mod partikolari fiż-żoni rurali.

6. Tnaqqas ir-riskji tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali billi testendi l-protezzjoni soċjali u ttejjeb l-effettività tagħha, inkluż permezz ta' aċċess aħjar għal servizzi ta' kwalità, b'enfasi fuq il-kura tas-saħħa primarja u preventiva, il-kura fit-tul, is-servizzi soċjali, edukattivi u tal-impjiegi, b'mod partikolari għall-gruppi żvantaġġati, filwaqt li żżomm is-sostenibbiltà fiskali.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*